DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Marzu 2008

li tistipula l-bidu ta' investigazzjoni skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 fir-rigward tal-ħarsien tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għall-organizzazzjoni f'El Salvador

(2008/316/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Preferenzi Ġeneralizzati,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni rċeviet tagħrif li l-Qorti Suprema ta' l-El Salvador fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ottubru 2007 fil-każijiet 63-2007 u 69-2007 iddikjarat ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol Nru 87 dwar il-Libertà ta' l-Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt għall-Organizzazzjoni bħala inkonsistenti ma' l-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' l-El Salvador.

(2) L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 980/2005 jistipula l-irtirar temporanju ta' l-arranġament speċjali ta' l-inċentiv imsemmi f'Taqsima 2 tal-Kapitolu II ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali m'għadhiex tiġbor fiha dawk il-konvenzjonijiet imsemmija fl-Anness III tar-Regolament li ġew ratifikati bi twettiq tar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 9(1) u (2) jew jekk dik il-leġiżlazzjoni mhijiex implimentata b'mod effettiv.

(3) Il-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol Nru 87 dwar il-Libertà ta' l-Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt għall-Organizzazzjoni hija mniżżla fl-Anness III, Parti A, Punt 14, tar-Regolament (KE) Nru 980/2005.

(4) Il-Kummissjoni wettqet eżami preliminarju tas-sentenza tal-Qorti Suprema ta' El Salvador fil-każijiet 63-2007 u 69-2007 u sabet li huwa meħtieġ li l-effetti legali ta' din is-sentenza jiġu analizzati aktar biex jiġi stipulat jekk dawn jiġġustifikawx irtirar temporanju ta' l-arranġement speċjali ta' l-inċentiv. Il-Kummissjoni għalhekk jidhrilha li jeżistu raġunijiet suffiċjenti għal investigazzjoni.

(5) Il-konsultazzjonijiet mal-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati twettqu fit-3 ta' Marzu 2008,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-Kummissjoni għandha tniedi investigazzjoni biex tistabbilixxi jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tar-Repubblika ta' El Salvador għadhiex tinkorpora l-Konvenzjoni Nru 87 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Libertà ta' l-Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt għall-Organizzazzjoni jew jekk dik il-leġiżlazzjoni hijiex qed tiġi implimentata b'mod effettiv.

Magħmula fi Brussell, 31 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni

Peter MANDELSON

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 55/2008 (ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1).